# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Marzu, 2002**

**Numru**

**Avviz numru: 836/01mm**

**Francis Busuttil & Sons Ltd.**

**vs**

**Charles Tanti**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, tmien mija u disgha u tletin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm3839.71) ammont dovut fuq konsenja ta' diversi

hwejjeg tal-ikel taht diversi invoices li baqghu ma thallsux nonostante sejha ghall-hlas maghmula debitament, prevja d-dikajrazzjoni li l-konvenut responsabbli ghal dan il-hlas.

Bl-ispejjez inkluzi spejjez legali fl-ammont ta’ Lm11.50 u bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-4 ta’ Marzu, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.